# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar IT-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001 .

### Avviz numru : 115/97G2(PC)

**Dr. Chris Said bhala mandatarju tal-imsiefer Emanuel Grima .**

**Vs**

**Dr. Mario Scerri illi b'degriet tal-24 ta' Settembru, 1997 inhatar bhala kuratur Deputat tal-imsiefer John Grima u b'nota tas-26 ta' Awissu, 1999 Brian John Grima assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. Mario Scerri stante li rritorna mill-esteru.**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur nomine talab lill-konvenut nomine sabiex jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti li prevja okkorrendo illi huwa bhala eredi tal-mejjet Toni Grima, zijuh, jinsab responsabbli fil-konfront tal-attur nomine ghall-hlas ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) ghal darba wahda biss u dan kif jirrizulta mit-testmenti li saru mid-decujus Toni Grima l-ewwel wiehed tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu 1979 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u l-iehor tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, tikkundannah sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) hekk imhollija lill-attur nomine, bl-interessi fuq din l-istess somma b'effett mid-data tal-mewt tal-imsemmi Toni Grima sad-data tal-effettiv pagament .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tmienja (8) ta' Awissu, tal-1997, tal-ittra ufficjali tal-hamsa (5) ta' Settembru 1997 u tar-rikors ghal hatra ta' kuratur anness mal-istess ittra ufficjali kontra tieghu .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota tal-ecezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa :**

1. **Illi l-eccipjent mhuwiex edott sewwa dwar il-fatti in kawza u ghaldaqstant irid jikkomunika mal-konvenut minnu rapprazentat sabiex jidderiegi ruhu ahjar .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat in-nota tal-konvenut Brian John Grima tas-26 ta' Awissu, 1999 li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza minflok il-kuratur nomine .**

**Rat ukoll il-verbal tal-15 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu l-attur nomine ddikjara li l-mertu gie ezawrit, u talab sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez .  Il-Qorti ghal hekk tiddecidi dwar il-kap ta' l-ispejjez, u peress illi ma rrizultax ghaliex il-konvenut ma ghandux jissaporti l-ispejjez ta' din il-kawza, billi tilqa' t-talba attrici rigward il-kap ta' l-ispejjez, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

Si11597Pc
355